## IL-PORT, FID-DLAM

*Mantar ta' swied kull fejn il-ħarsa ddawwar*
*Fuq baħar w art mifrux,*
*L-ilħna jinstemgħu riesqa, riesqa, riesqa*
*Ta' nies li ma jidhrux.*

*Qamar minn lewn id-deheb, bil-ħarsa mgerrxa*
*Jgħasses fuq dak id-dlam,*
*Tilmaħ fid-dawl imxerrda l-mewġ jiċċaqlaq,*
*Ħafifa, mar-riħ li qam.*

*Tinstema' ta' l-imqadef iċ-ċafċifa*
*Ta' dgħajsa tħokk max-xatt,*
*Mutur — ma tafx fejn hu — għaddej igerger*
*B'ħoss li ma jaqta' qatt.*

*Minn ħdan id-dlam ifiġġ vapur imdawwal*
*Mill-port jgħaddi bla xkiel,*
*Jaqbad it-triq għal taħt Sant'Anġlu w jieqaf*
*Għall-kwiet, taħt San Mikiel.*

*Jixegħlu f'daqqa sriebet twal ta' dija*
*Bħal toroq ta' nirien,*
*Tisma' fuq rasek ajruplan iwerden*
*Iżda ma ssibu mkien.*

*Imkebbeb f'dak is-skiet, il-Port sthajjiltu*
*Bħal ġorf li tqabad sħiħ,*
*Ra nfern quddiemu jħaġġeġ, imma rebaħ*
*U issa qed jistrieħ.*

30/10/49.